IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 10.12.2013
COM(2013) 895 final

2013/0438 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tad-19 ta' Novembru 2013 fil-Kawża C-63/12, il-Kummissjoni trid tissottometti proposta ġdida fuq il-bażi tal-Artikolu 10 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal.

Skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti xierqa li fuqhom il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiddeċiedu skont l-Artikolu 336 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Fit-13 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni ssottomettiet rapport lill-Kunsill dwar il-klawżola tal-eċċezzjoni (l-Artikolu 10 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal) (COM (2011) 440) u fl-24 ta' Novembru 2011, hija ssottomettiet Komunikazzjoni lill-Kunsill li tipprovdi informazzjoni supplimentari għar-Rapport tal-Kummissjoni (COM (2011) 829).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li meta l-valutazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni u mill-Kunsill jirriżultaw f'konklużjonijiet opposti, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposti xierqa fuq il-bażi ta' dak l-Artikolu, sabiex tinvolvi lill-Parlament Ewropew u biex tippermetti lil-leġiżlaturi jiddeċiedu dwar il-miżuri xierqa li jittieħdu fir-rigward tas-sitwazzjoni soċjali u ekonomiċi eżistenti fl-Unjoni (il-paragrafu 76).

Skont is-sentenza, il-Kummissjoni għandha marġni ta' apprezzament fir-rigward tal-karattru xierqa tal-proposti, minħabba d-dejta ekonomika u soċjali, kif ukoll, fejn meħtieġ, fatturi oħra li għandhom ikunu kkunsidrati, bħal dawk li huma rilevanti għall-immaniġġjar tar-riżorsi umani u, b'mod partikolari, il-ħtiġijiet ta' reklutaġġ (il-paragrafu 74).

Ir-rapporti tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq jirreferu sistematikament għal staġnar u kriżi li għadha għaddejja kif ukoll għal livell għoli ta' rata tal-qgħad u livell għoli ta' defiċit u dejn pubbliku fl-Unjoni Ewropea, għalkemm ma tikkonkludix li l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal huma sodisfatti. Kif il-Qorti ddeċidiet li l-Kummissjoni ma għandha l-ebda marġni biex tiddeċiedi jekk għandhiex tiġi attivata jew le l-klawżola ta' eċċezzjoni fir-rigward ta' dawn il-kriterji, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal tikkostitwixxi l-uniku mod kif jista' jittieħed kont ta' kriżi ekonomika fl-aġġustament tar-rimunerazzjoni u għalhekk li titneħħa l-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(2) ta' dak l-Anness.

Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra din id-dejta ekonomika u soċjali sabiex tipproponi miżuri xierqa biex jidderogaw mill-applikazzjoni stretta tal-metodu.

Fl-istess ħin, sa mill-2011, kien hemm għadd ta' żviluppi rilevanti. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw riforma tar-Regolamenti tal-Persunal li tinkludi sospensjoni ta' aġġustamenti tas-salarji, allowances u pensjonijiet fl-2013 u 2014 li twassal għal iffriżar għal sentejn u ħafna bidliet sinifikanti tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE bħal miżuri fir-rigward tal-ħin tax-xogħol ta' kull ġimgħa, il-karriera, il-pensjonijiet u l-jiem ta' liv li jwasslu għal iffrankar sinifikanti.

Billi jitqies ir-riżultat ta' metodu ta' applikazzjoni normali fl-2011, is-sitwazzjoni

soċjali u ekonomika, ir-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll is-sitwazzjoni fir-rigward tar-reklutaġġ u l-immaniġġjar tar-riżorsi umani osservati matul l-aħħar snin, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proposta preżenti kif ukoll il-proposta għall-aġġustament tal-2012 probabbli huma miżuri xierqa li għandhom jittieħdu mil-leġiżlatur abbażi tal-Artikolu 10 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal.

Skont l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet għandhom jiġu aġġornati qabel tmiem kull sena. F'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni urġenti tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-63/12, maħruġa fid-19 ta' Novembru 2013, tikkostitwixxi raġuni dovuta għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament malajr.

L-elementi tal-metodu l-ġdid li jiddeterminaw il-kontenut tal-Proposta

Ir-rapport tal-Eurostat ġie sottomess lill-Kunsill fl-24 ta' Novembru 2011 (SEC(2011) 1436). Skont dan ir-rapport, il-bidla medja fil-kapaċità tal-akkwist tar-rimunerazzjoni tal-impjegati taċ-ċivil nazzjonali għall-perjodu ta' referenza mkejla mill-indikatur speċifiku hi ekwivalenti għal -1,8 %. Il-bidla fl-għoli tal-ħajja fi Brussell għall-perjodu ta' referenza hi ekwivalenti għal 3,6 %. L-ammont tal-aġġustament jinkiseb bil-multiplikazzjoni tal-indikatur speċifiku u tal-Indiċi Internazzjonali ta' Brussell ikkalkulat mill-Eurostat. L-aġġustament propost għar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet fil-Belġju u l-Lussemburgu huwa għalhekk ta' 1,7 %.

L-ammont tal-aġġustament għandu jiġi korrett sabiex iqis l-elementi msemmija hawn fuq. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra bħala xieraq li jitnaqqas l-aġġustament propost fir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet fil-Belġju u l-Lussemburgu għal 0,9 % minflok 1,7 % fir-rigward tal-applikazzjoni stretta tal-metodu.

Il-paritajiet ekonomiċi għar-rimunerazzjoni li jistabbilixxu l-ekwivalenza bejn il-kapaċità tal-akkwist tar-rimunerazzjonijiet mogħtija fi Brussell, bħala l-belt ta' referenza, u ta' dawk mogħtija fil-postijiet l-oħra ta' impjieg. L-Eurostat ikkalkula dawn il-paritajiet bi qbil mal-korpi nazzjonali tal-istatistika.

Il-paritajiet ekonomiċi għall-pensjonijiet jistabbilixxu l-ekwivalenza bejn il-kapaċità tal-akkwist tal-pensjonijiet mogħtija fil-Belġju, bħala l-pajjiż ta' referenza, u ta' dawk mogħtija fil-pajjiżi l-oħra ta' residenza. L-Eurostat ikkalkula dawn il-paritajiet bi qbil mal-korpi nazzjonali tal-istatistika.

Fir-rigward tal-proposta parallela għal 2012, l-istess approċċ għandu jirriżulta f'aġġustament ta' 0,9 % minflok ta' 1,7 %.

Il-proposti l-ġodda għall-2011 u l-2012 għalhekk fil-fatt inaqqsu r-riżultat tal-metodu tal-applikazzjoni normali fis-seħħ fl-2011 u fl-2012 b'47 %.

Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

L-Artikolu 65, l-Artikolu 10 tal-Anness XI u l-Artikolu 19 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal modifikati.

KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-metodi ta' konsultazzjoni użati, is-setturi prinċipali koperti u l-profil ġenerali ta' dawk li wieġbu

L-elementi tal-proposta ġew diskussi mar-rappreżentanti tal-persunal skont il-proċeduri xierqa.

Sommarju tat-tweġibiet riċevuti u l-mod ta' kif ġew ikkunsidrati

Il-proposta tikkunsidra l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonsultati.

L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt tal-adattament tar-rimunerazzjoni u tal-pensjonijiet fuq in-nefqa amministrattiva u d-dħul huwa ttrattat fid-dettall fir-rapport finanzjarju mehmuż miegħu.

2013/0438 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tal-Anness XI tiegħu u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Impjegati Oħra tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

Billi:

(1) Sabiex ikunu konformi mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-63/12, meta l-Kunsill jistabbilixxi li f'dan l-istadju tal-proċedura hemm deterjorament serju u f'daqqa fis-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fl-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tissottometti Proposta skont l-Artikolu 336 sabiex tinvolvi lill-Parlament Ewropew fil-proċess leġiżlattiv. Ugwalment il-Kunsill u l-Parlament Ewropew għandhom jiddeċiedu dwar il-proposta tal-Kummissjoni wara li jkunu kkunsidraw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal li jiġu rrispettati r-regoli stabbiliti fl-Anness XI bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 3(2) tiegħu.

(2) Il-Qorti kkonfermat li l-Kummissjoni għandha marġni ta' evalwazzjoni li għandha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal, rigward il-kontenut ta' proposti xierqa. Ir-rieżami ta' rimunerazzjoni jista', fejn xieraq, jikkunsidra fatturi oħrajn, bħall-immaniġġjar tar-riżorsi umani u b'mod partikolari l-ħtiġijiet tar-reklutaġġ. F'dan il-marġni ta' diskrezzjoni, il-Kummissjoni tista' tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq dejta ekonomika u soċjali bħalma huma l-istaġnar tal-2011 u l-kriżi attwali kif ukoll il-livell għoli tar-rata tal-qgħad u l-livell għoli ta' defiċit u dejn pubbliku fl-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni qieset ukoll l-iżviluppi li saru mill-2011 bħar-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal u speċjalment l-iffriżar għal sentejn għall-uffiċjali tal-UE u ż-żieda ta' xogħol kull ġimgħa għal 40 siegħa.

(3) Skont id-dejta pprovduta mill-Eurostat bi qbil mal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri, l-impjegati taċ-ċivil nazzjonali tilfu 1,8 % tal-kapaċità tal-akkwist tagħhom, l-istess telf fil-kapaċità tal-akkwist għandu jkun applikat għall-uffiċjali tal-UE u impjegati oħra għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Ġunju 2012 jekk il-Kummissjoni kellha ssegwi l-applikazzjoni normali tal-metodu. Il-Kummissjoni madankollu kkunsidrat bħala xieraq li jitnaqqas l-aġġustament propost fir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet fil-Belġju u l-Lussemburgu għal 0,9 % minflok 1,7 % fir-rigward tal-kriżi ekonomika u l-isforzi digà maqbula minn uffiċjali tal-UE.

(4) L-istess approċċ għandu jwassal għal aġġustament ta' 0,9 % minflok 1,7 % fl-2012. L-aġġustament totali għas-sentejn li huma se jkun 47 % inqas milli skont l-applikazzjoni normali tal-metodu fis-seħħ fl-2011 u fl-2012.

(5) Il-Kummissjoni pproponiet il-miżuri ta' hawn fuq sabiex tinvolvi l-Parlament Ewropew fil-proċedura leġiżlattiva u biex tippermetti lill-koleġiżlaturi jiddeċiedu dwar il-miżuri xierqa skont l-Artikolu 336 tat-TFUE.

(6) Skont l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet għandhom jiġu aġġornati qabel tmiem kull sena. F'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni urġenti tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-63/12, maħruġa fid-19 ta' Novembru 2013, tikkostitwixxi raġuni dovuta għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament mingħajr dewmien.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, id-data "l-1 ta' Lulju 2010" li tidher fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal tiġi sostitwita bid-data "l-1 ta' Lulju 2011".

Artikolu 2

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, it-tabella tal-pagi bażiċi ta' kull xahar fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal, applikabbli għall-finijiet tal-kalkolu tar-rimunerazzjoni u tal-pensjonijiet tiġi sostitwita b'li ġej:

01/07/2011	STEP				
GRAD	1	2	3	4	5
16	17,071.32	17,788.68	18,536.18		
15	15,088.19	15,722.22	16,382.89	16,838.69	17,071.32
14	13,335.44	13,895.82	14,479.74	14,882.59	15,088.19
13	11,786.31	12,281.58	12,797.67	13,153.72	13,335.44
12	10,417.13	10,854.87	11,311.00	11,625.69	11,786.31
11	9,207.00	9,593.89	9,997.04	10,275.17	10,417.13
10	8,137.45	8,479.40	8,835.71	9,081.54	9,207.00
9	7,192.15	7,494.37	7,809.29	8,026.56	8,137.45
8	6,356.66	6,623.77	6,902.11	7,094.14	7,192.15
7	5,618.22	5,854.31	6,100.31	6,270.03	6,356.66
6	4,965.57	5,174.23	5,391.66	5,541.66	5,618.22
5	4,388.74	4,573.16	4,765.33	4,897.90	4,965.57
4	3,878.91	4,041.91	4,211.75	4,328.93	4,388.74
3	3,428.31	3,572.37	3,722.49	3,826.05	3,878.91
2	3,030.05	3,157.38	3,290.06	3,381.59	3,428.31
1	2,678.06	2,790.60	2,907.86	2,988.76	3,030.05

Artikolu 3

B'effett mill-1 ta' Lulju Sena 2011, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skont l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal għar-rimunerazzjoni tal-uffiċjali u l-impjegati l-oħra huma stabbiliti kif imniżżla fil-kolonna 2 tat-tabella li ġejja.

B'effett mill-1 ta' Jannar Sena 2012, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skont l-Artikolu 17(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għat-trasferimenti li jsiru minn uffiċjali u impjegati oħra huma stabbiliti kif imniżżla fil-kolonna 3 tat-tabella li ġejja.

B'effett mill-1 ta' Lulju Sena 2011, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skont l-Artikolu 20(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għall-pensjonijet huma stabbiliti kif imniżżla fil-kolonna 4 tat-tabella li ġejja.

B'effett mis-16 ta' Mejju Sena 2011, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skont l-Artikolu 20(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għall-pensjonijet huma stabbiliti kif imniżżla fil-kolonna 5 tat-tabella li ġejja. Id-data effettiva għall-aġġustament annwali għal dawk l-Istati Membri se tkun is-16 ta' Mejju 2011.

B'effett mis-16 ta' Mejju 2011, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli għall-pensjonijet skont l-Artikolu 20(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu kif indikati fil-kolonna 6 tat-tabella li ġejja. Id-data effettiva għall-aġġustament annwali għal dawk il-postijiet ta' impjieg għandha tkun is-16 ta' Mejju 2011.

	1	2	3	4	5	6
		Rimunerazzjon	**Trasferiment**	**Pensjoni**	**Rimunerazzjon**	**Pensjoni**
	Pajjiż / Post	1.7.2011	1.1.2012	1.7.2011	16.5.2011	16.5.2011
BG	Il-Bulgarija	60.6	58.1	100.0		
CZ	Ir-Rep Ċeka	85.2	79.3	100.0		
DK	Id-Danimarka	134.2	130.5	130.5		
DE	Il-Ġermanja	93.7	95.4	100.0		
Bonn	Bonn	93.0				
Karlsruhe	Karlsruhe	92.2				
Münich	Munich	103.2				
EE	L-Estonja	75.4	77.4	100.0		
GR	Il-Greċja	92.2	91.0	100.0		
ES	Spanja	97.4	91.5	100.0		
FR	Franza	116.4	108.5	108.5		
IE	L-Irlanda	109.6	104.6	104.6		
IT	L-Italja	104.8	100.0	100.0		
Varese	Varese	91.9				
CY	Ċipru	83.0	85.4	100.0		
LV	Il-Latvja	74.4	70.2	100.0		
LT	Il-Litwanja	72.7	70.7	100.0		
HU	L-Ungerija	83.5	73.1	100.0		
MT	Malta	82.7	84.6	100.0		
NL	Il-Pajjiżi l-Baxxi	102.8	97.3	100.0		
AT	L-Awstrija	105.0	104.1	104.1		
PL	Il-Polonja	80.5	71.4	100.0		
PT	Il-Portugall	84.0	83.9	100.0		
RO	Ir-Rumanija	72.7	62.1	100.0		
SI	Is-Slovenja	86.2	83.6	100.0		
SK	Is-Slovakkja	78.8	73.5	100.0		
FI	Il-Finlandja	120.5	113.0	113.0		
SE	L-Iżvezja	124.1	117.2	117.2		
UK	Ir-Renju Unit		103.5		128.0	103.5
Culham	Culham				98.2	

Artikolu 4

B’effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammont tal-allowance għal-liv tal-ġenituri msemmija fit-tieni u fit-tielet paragrafi tal-Artikolu 42(a) tar-Regolamenti tal-Persunal ikun ta’ EUR 919,94 u se jkun ta' EUR 1226,57 għall-ġenituri waħedhom.

Artikolu 5

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammont bażiku għall-allowance għall-unità domestika msemmija fl-Artikolu 1(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 172,05.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammont għall-allowance għat-tfal dipendenti msemmi fl-Artikolu 2(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 375,96.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammont għall-allowance għall-edukazzjoni kif imniżżel fl-Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Istaff huwa stabbilit għal EUR 255,09.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammont għall-allowance għall-edukazzjoni kif imniżżel fl-Artikolu 3(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Istaff huwa stabbilit għal EUR 91,84.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammont minimu tal-allowance għall-espatrijazzjoni msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolamenti tal-Persunal u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tiegħu għandu jkun ta' EUR 509,94.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammont tal-allowance għall-espatrijazzjoni msemmija fl-Artikolu 134 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Impjegati l-Oħra jkun ta' EUR 366,58.

Artikolu 6

B’effett mill-1 ta’ Jannar 2012, l-allowance għall-kilometraġġ imniżżel fl-Artikolu 8(2) tal-Anness VII għar-Regolamenti tal-Persunal għandha tkun aġġustata kif ġej:

EUR 0 għal kull kilometru bejn 0 u 200 km

EUR 0,3824 għal kull kilometru bejn 201 u 1 000 km

EUR 0,6373 għal kull kilometru bejn 1 001 u 2 000 km

EUR 0,3824 għal kull kilometru bejn 2 001 u 3 000 km

EUR 0,1273 għal kull kilometru bejn 3 001 u 4 000 km

EUR 0,0614 għal kull kilometru bejn 4 001 u 10 000 km

EUR 0 għal kull kilometru 'l fuq minn 10 000 km.

Ma' din l-allowance kilometrika jiżdied suppliment b'rata fissa, li jammonta għal:

– EUR 191,19 jekk id-distanza bil-ferrovija bejn il-post tal-impjieg u l-post tal-oriġini tkun bejn 725 km u 1 450 km;

– EUR 382,34 jekk id-distanza bil-ferrovija bejn il-post tal-impjieg u l-post tal-oriġini tkun akbar minn 1 450 km.

Artikolu 7

B’effett mill-1 ta’ Lulju 2011, l-ammont għall-allowance tas-sussistenza ta’ kuljum imsemmi fl-Artikolu 10(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal ikun ta’:

– EUR 39,52 għal uffiċjal li għandu dritt għall-allowance tal-unità domestika;

– EUR 31,86 għal uffiċjal li ma jkollux dritt għall-allowance tal-unità domestika.

Artikolu 8

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, il-limitu minimu għall-allowance tal-installazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Impjegati Oħra jkun ta':

– EUR 1125,02 għal impjegat li huwa intitolat għall-allowance tal-unità domestika;

– EUR 668,94 għal impjegat li mhuwiex intitolat għall-allowance tal-unità domestika;

Artikolu 9

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, għall-allowance tal-qgħad imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28a(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Impjegati l-Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, il-limitu minimu jkun ta' EUR 1349,22, il-limitu massimu jkun ta' EUR 2698,46 u l-allowance standard tkun ta' EUR 1226,57.

Artikolu 10

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, it-tabella tas-salarji bażiċi ta' kull xahar fl-Artikolu 93 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg tal-Impjegati l-Oħra għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

FUNZJONI	01/07/2011	STEP						
GRUPP	GRAD	1	2	3	4	5	6	7
IV	18	5,884.91	6,007.29	6,132.22	6,259.74	6,389.92	6,522.80	6,658.45
	17	5,201.24	5,309.40	5,419.82	5,532.52	5,647.58	5,765.02	5,884.91
	16	4,596.99	4,692.59	4,790.17	4,889.79	4,991.48	5,095.28	5,201.24
	15	4,062.94	4,147.43	4,233.68	4,321.72	4,411.60	4,503.34	4,596.99
	14	3,590.93	3,665.61	3,741.84	3,819.65	3,899.09	3,980.17	4,062.94
	13	3,173.76	3,239.76	3,307.13	3,375.91	3,446.11	3,517.78	3,590.93
III	12	4,062.87	4,147.35	4,233.60	4,321.63	4,411.50	4,503.24	4,596.88
	11	3,590.89	3,665.56	3,741.78	3,819.59	3,899.02	3,980.10	4,062.87
	10	3,173.74	3,239.74	3,307.11	3,375.88	3,446.08	3,517.74	3,590.89
	9	2,805.05	2,863.38	2,922.92	2,983.70	3,045.75	3,109.09	3,173.74
	8	2,479.19	2,530.74	2,583.37	2,637.09	2,691.93	2,747.91	2,805.05
II	7	2,805.00	2,863.34	2,922.89	2,983.69	3,045.74	3,109.09	3,173.76
	6	2,479.08	2,530.64	2,583.28	2,637.01	2,691.85	2,747.84	2,805.00
	5	2,191.03	2,236.60	2,283.12	2,330.61	2,379.08	2,428.57	2,479.08
	4	1,936.45	1,976.73	2,017.84	2,059.81	2,102.65	2,146.39	2,191.03
I	3	2,385.56	2,435.07	2,485.60	2,537.19	2,589.85	2,643.59	2,698.46
	2	2,108.93	2,152.70	2,197.38	2,242.99	2,289.54	2,337.05	2,385.56
	1	1,864.39	1,903.08	1,942.58	1,982.90	2,024.05	2,066.06	2,108.93

Artikolu 11

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, il-limitu minimu għall-allowance għall-installazzjoni msemmi fl-Artikolu 94 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Impjegati l-Oħra jkun ta' :

– EUR 846,21 għal impjegat li huwa intitolat għall-allowance tal-unità domestika;

– EUR 501,69 għal impjegat li mhuwiex intitolat għall-allowance tal-unità domestika;

Artikolu 12

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, il-limitu minimu għall-allowance tal-qgħad imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 96(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Impjegati l-Oħra, jkun ta' EUR 1011,93, il-limitu massimu jkun ta' EUR 2023,83 u l-allowance standard tkun ta' EUR 919,94.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, għall-allowance għall-qgħad imsemmija fl-Artikolu 136 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Impjegati l-Oħra, il-limitu minimu jkun ta' EUR 890,27 u l-limitu massimu jkun ta' EUR 2094,75.

Artikolu 13

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-allowances għal xogħol bix-xift kif stabbiliti fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76[1] jkunu ta' EUR 385,61, EUR 582,03, EUR 636,37 u EUR 867,58.

Artikolu 14

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammonti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68[2] għandhom ikunu soġġetti għal koeffiċjent ta' 5,566417.

Artikolu 15

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, it-tabella fl-Artikolu 8(2) tal-Anness XIII għar-Regolamenti tal-Persunal tiġi sostitwita b'dan li ġej:

01/07/2011	STEP				
GRAD	1	2	3	4	5
16	17,071.32	17,788.68	18,536.18		
15	15,088.19	15,722.22	16,382.89	16,838.69	17,071.32
14	13,335.44	13,895.82	14,479.74	14,882.59	15,088.19
13	11,786.31	12,281.58	12,797.67	13,153.72	13,335.44
12	10,417.13	10,854.87	11,311.00	11,625.69	11,786.31
11	9,207.00	9,593.89	9,997.04	10,275.17	10,417.13
10	8,137.45	8,479.40	8,835.71	9,081.54	9,207.00
9	7,192.15	7,494.37	7,809.29	8,026.56	8,137.45
8	6,356.66	6,623.77	6,902.11	7,094.14	7,192.15
7	5,618.22	5,854.31	6,100.31	6,270.03	6,356.66
6	4,965.57	5,174.23	5,391.66	5,541.66	5,618.22
5	4,388.74	4,573.16	4,765.33	4,897.90	4,965.57
4	3,878.91	4,041.91	4,211.75	4,328.93	4,388.74
3	3,428.31	3,572.37	3,722.49	3,826.05	3,878.91
2	3,030.05	3,157.38	3,290.06	3,381.59	3,428.31
1	2,678.06	2,790.60	2,907.86	2,988.76	3,030.05

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 tad-9 ta' Frar 1976 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali intitolati għal allowances għal xogħol bix-xift, u r-rati u l-kondizzjonijiet tagħhom (ĠU L 38, 13.2.1976, p. 1). Ir-Regolament kif supplimentat bir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 1307/87 (ĠU L 124, tat-13.5.1987, p. 6). Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 01 Volum 01 P. 167 - 167.

[2] Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU L 56, tal-4.3.1968, p. 8. Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 01 Volum 01 P. 33 - 35.

Artikolu 16

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-ammont tal-allowance fissa msemmija fl-Artikolu 4a preċedenti tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal fis-seħħ qabel l-1 ta' Mejju 2004 jkun ta':

- EUR 133,03 fix-xahar għal uffiċjali fi Grad C4 jew C5,

- EUR 203,96 fix-xahar għal uffiċjali fi Grad C1, C2 jew C3.

Artikolu 17

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, it-tabella tas-salarji bażiċi ta' kull xahar fl-Artikolu 133 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Impjegati l-Oħra tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Grad	1	2	3	4	5	6	7
Salarju bażiku full-time	1,695.89	1,975.70	2,142.08	2,322.47	2,518.04	2,730.08	2,959.99
Grad	8	9	10	11	12	13	14
Salarju bażiku full-time	3,209.26	3,479.52	3,772.53	4,090.20	4,434.65	4,808.09	5,212.99
Grad	15	16	17	18	19		
Salarju bażiku full-time	5,651.97	6,127.94	6,643.97	7,203.46	7,810.07		

Artikolu 18

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li taġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernata/i fl-istruttura ABM/ABB[3]

L-oqsma u l-attivitajiet kollha huma potenzjalment ikkonċernati.

1.3. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva:

1.3.1. Rekwiżit/i li jrid/u jiġu ssodisfat/i fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien

Li jiġi żgurat li l-kapaċità tal-akkwist tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-impjegati ċivili tal-UE jiżviluppaw b'mod parallel mat-tibdil fil-kapaċità tal-akkwist ta' impjegati ċivili fl-Istati Membri.

1.4. It-tul u l-impatt finanzjarju

☒ Proposta/inizjattiva ta' **tul taż-żmien illimitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu inizjali minn Diċembru 2013,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.5. Metodu/i ta' immaniġġjar previst(i)[4]

☒ **Immaniġġjar dirett ċentralizzat** mill-Kummissjoni: PMO

2. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

2.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq il-linji baġitarji kollha relatati man-nefqa fuq persunal fl-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji kollha, jiġifieri tikkonċerna n-nefqa fuq salarji ta' persunal fil-kwartieri ġenerali u f'delegazzjonijiet, impjegati b'kuntratt, persunal fl-uffiċċji amministrattivi, Membri, assistenti parlamentari, persunal ta' riċerka, persunal iffinanzjat minn linji BA, persunal imħallas skont dispożizzjonijiet ta' terminizzazzjoni bikrija tas-servizz, pensjonijiet.

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitjarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni……...…….	AD/AMD (5)	minn pajjiżi tal-	minn pajjiżi	minn pajjiżi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament

[3] ABM: Immaniġġjar Ibbażat fuq l-Attività – ABB: Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività.

[4] Id-dettalji tal-metodi ta' mmaniġġjar u r-referenzi tar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[5] AD= Approprjazzjonijiet differenzjati / AMD = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati

	]		EFTA[6]	kandidati[7]	terzi	Finanzjarju
	XX.01.01.01 u l-Kapitolu 11, il-Kapitolu 42 Nefqa Relatata mal-Assistenti Parlamentari	AMD	LE	LE	LE	LE

[6] L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[7] Pajjiżi kandidati u fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

2.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

2.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	Numru	XX.01.01.01 u l-Kapitolu 11, il-Kapitolu 42 Nefqa Relatata mal-Assistenti Parlamentari

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	**5**	"Nefqa amministrattiva"

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

		Sena **2013**	Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	Snin sussegwenti			**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	129,0	51,6	51,6	51,6	51,6	51,6	51,6	**Mhux disponibbli**

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

		Sena **2013**	Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	Snin sussegwenti			**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	129,0	51,6	51,6	51,6	51,6	51,6	51,6	**Mhux disponibbli**
	Pagamenti	129,0	51,6	51,6	51,6	51,6	51,6	51,6	**Mhux disponibbli**

2.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

2.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

2.2.3.1. Sommarju

– ☒ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

2.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

2.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– ☒ Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

2.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

2.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☒ fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

Linja bażitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għall-eżerċizzju bażitarju attwali	Impatt tal-proposta/inizjattiva						
		Sena **2013**	Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	Snin sussegwenti		
Kontribuzzjoni tal-Pensjoni skont l-Artikolu 410	*437,7*	9,8	3,9	3,9	3,9	3,9	3,9	3,9
Taxxa skont l-Artikolu 400	*591,7*	13,4	5,3	5,3	5,3	5,3	5,3	5,3
Imposta Speċjali skont l-Artikolu 410	*60,1*	0,6	0,6	0,6	0,6	0,6	0,6	0,6

Speċifika l-metodu tal-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

L-impatt fuq id-dħul jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-pagament tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet għax-xahar ta' Lulju u bl-applikazjoni tal-effett tal-aġġustament.